Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja)

6 ta’ Ġunju 2023*[i]

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f’materji kriminali – Mandat ta’ arrest Ewropew – Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI – Raġunijiet għal nuqqas ta’ eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta’ arrest Ewropew – Il-punt 6 tal-Artikolu 4 – Għan ta’ riabilitazzjoni soċjali – Ċittadini ta’ pajjiżi terzi li joqgħodu jew jirrisjedu fit-territorju tal-Istat Membru ta’ eżekuzzjoni – Ugwaljanza fit-trattament – Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea”

Fil-Kawża C-700/21,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari abbażi tal-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja), permezz ta’ deċiżjoni tat-18 ta’ Novembru 2021, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-22 ta’ Novembru 2021, fil-proċedura dwar l-eżekuzzjoni ta’ mandat ta’ arrest Ewropew maħruġ kontra

**O. G.**

Fil-preżenza ta’:

**Presidente del Consiglio dei Ministri,**

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Awla Manja),

Komposta minn K. Lenaerts, President, L. Bay Larsen, Viċi President, K. Jürimäe (Relatriċi), C. Lycourgos, E. Regan, L. S. Rossi u L. Arastey Sahún, Presidenti ta’ Awla, J.-C. Bonichot, S. Rodin, I. Jarukaitis, N. Jääskinen, M. Gavalec u Z. Csehi, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Campos Sánchez-Bordona,

Reġistratur: C. Di Bella, amministratur,

Wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-11 ta’ Ottubru 2022,

Wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għall-Gvern Taljan, minn G. Palmieri, bħala aġent, assistita minn S. Faraci, avvocato dello Stato,

– għall-Gvern Ungeriż, minn M. Z. Fehér u R. Kissné Berta, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: it-Taljan.

– għall-Gvern Awstrijak, minn A. Posch, J. Schmoll u F. Werni, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn G. Gattinara u S. Grünheid, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali ppreżentati matul is-seduta tal-15 ta' Diċembru 2022,

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 1(3) u tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34, rettifika fil-ĠU 2009, L 17, p. 45), kif ukoll tal-Artikolu 7 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' proċedura dwar l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra O. G. għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà.

### Il-kuntest ġuridiku

#### *Id-dritt tal-Unjoni*

*Id-Deċiżjoni Qafas 2002/584*

3 Il-premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 tistipula:

"(6) Il-mandat ta' arrest Ewropew previst f'din id-Deċiżjoni Kwadru hi l-ewwel miżura konkreta fil-qasam tal-liġi kriminali li timplimenta l-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku li l-Kunsill Ewropew semma' bħala l-bażi tal-kooperazzjoni ġudizzjarja."

4 L-Artikolu 1 ta' din id-deċiżjoni qafas, intitolat "Definizzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew u l-obbligu li jiġi esegwit", jipprovdi:

"1. Il-mandat ta' arrest Ewropew hija deċiżjoni ġudizzjarja maħruġa minn Stat Membru bl-iskop ta' l-arrest u l-konsenja minn Stat Membru ieħor ta' persuna rikjesta, għall-finijiet tat-tmexxija ta' azzjoni kriminali jew l-esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni.

2. L-Istati Membri għandhom jesegwixxu kwalunkwe mandat ta' arrest Ewropew abbażi tal-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku u skond id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru m'għandhiex ikollha l-effett li timmodifika l-obbligu tar-rispett tad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji legali fundamentali kif imniżżla fl-Artikolu 6 [TUE]."

5 L-Artikolu 4 tal-imsemmija deċiżjoni qafas, intitolat "Raġunijiet għan-nuqqas ta' esekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew", jipprevedi, fil-punt 6 tiegħu:

"L-awtorità ġudizzjarja ta' esekuzzjoni tista' tirrifjuta li tesegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew:

[…]

6) jekk il-mandat ta' arrest Ewropew ġie maħruġ għall-finijiet ta' esekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, fejn il-persuna rikjesta qed toqgħod fi, jew hi ċittadina jew residenta ta' l-Istat Membru ta' esekuzzjoni u dak l-Istat jintrabat li jesegwixxi l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni skond il-liġi domestika tiegħu".

*Id-Direttiva 2003/109/KE*

6 Il-premessa 12 tad-Direttiva 2003/109/CE tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272), tistipula:

"Sabiex jikkostitwixxi strument ġenwin għall-integrazzjoni ta' residenti għal perjodu twil fis-soċjetà fejn ikunu jgħijxu, ir-residenti għat-tul għandhom igawdu ugwaljanza ta' trattament bħal taċ-ċittadini ta' l-Istat Membru f'firxa wiesa' ta' kwistjonijiet ekonomiċi u soċjali, taħt il-kondizzjonijiet relevanti definiti f'din id-Direttiva."

7 L-Artikolu 12 ta' din id-direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri jistgħu jieħdu deċiżjoni li jkeċċu residenti għat-tul unikament fejn hu/i jikkostitwixxi theddiha attwali u suffiċjentement serja għall-politika pubblika jew għas-sigurtà pubblika.

2. Id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma għandhiex tkun ibbażata fuq konsiderazzjonijiet ekonomiċi.

3. Qabel ma tittieħed deċiżjoni biex jitkeċċa residenti għat-tul, l-Istati membri għandhom jagħtu kont tal-fatturi li ġejjin:

a) it-tul tar-residenza fit-territorju tagħhom;

b) l-età tal-persuna konċernata;

ċ) il-konsegwenzi għall-persuna konċernata u l-membri tal-familja;

d) ir-rabtiet mal-pajjiż tar-residenza jew in-nuqqas ta' rabtiet mal-pajjiż ta' oriġini.

[…]".

*Id-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI*

8 Il-premessa 9 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909/ĠAI tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2008 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' sentenzi f'materji kriminali li jimponu pieni ta' kustodja jew miżuri li jinvolvu ċ-ċaħda tal-libertà bil-għan li jiġu infurzati fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2008, L 327, p. 27), tistipula:

"L-infurzar tal-piena fl-Istat ta' esekuzzjoni għandu jsaħħaħ il-possibbiltà ta' riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata. Fil-kuntest li jkun sodisfatt li l-infurzar tal-piena mill-Istat ta' esekuzzjoni jaqdi l-iskop li tiffaċilita r-riabilitazjzoni soċjali tal-persuna sentenzjata, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat emittenti għandha tieħu kont ta' elementi bħal, per eżempju, r-rabta tal-persuna ma' l-Istat ta' esekuzzjoni, jekk hi tikkonsidrahx bħala l-post b'rabtiet familjari, lingwistiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi u rabtiet oħrajn ma' l-Istat ta' esekuzzjoni."

9 L-Artikolu 3(1) sa(3) ta' din id-deċiżjoni qafas jipprovdi:

"1. L-għan ta' din id-Deċiżjoni Kwadru hija li tistabbilixxi r-regoli li taħthom Stat Membru, bil-ħsieb li jiffaċilita r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna sentenzjata, għandu jirrikonoxxi sentenza u jinforza l-piena.

2. Din id-Deċiżjoni Kwadru hija applikabbli fejn il-persuna sentenzjata tinsab fl-Istat emittenti jew fl-Istat ta' esekuzzjoni.

3. Din id-Deċiżjoni Kwadru għandha tapplika biss għar-rikonoxximent ta' sentenzi u l-infurzar ta' pieni fi ħdan it-tifsira ta' din id-Deċiżjoni Kwadru. [...]".

10 Skont kliem l-Artikolu 25 tal-imsemmija deċiżjoni qafas, intitolat "Infurzar ta' sentenzi wara mandat ta' arrest Ewropew":

"Mingħajr preġudizzju għad-Deċiżjoni [Qafas 2002/584], id-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni Kwadru għandhom japplikaw, mutatis mutandis sal-punt li huma kompatibbli mad-dispożizzjonijiet taħt dik id-Deċiżjoni Kwadru, għall-infurzar ta' pieni f'każijiet fejn Stat Membru jieħu r-responsabbiltà li jinforza s-sentenza f'każijiet skond l-Artikolu 4(6) ta' dik id-Deċiżjoni Kwadru, jew fejn, waqt li jaġixxi taħt l-Artikolu 5(3) ta' dik id-Deċiżjoni Kwadru, ikun impona il-kondizzjoni li l-persuna sentenzjata trid tintbagħat lura biex tiskonta l-piena fl-Istat Membru kkonċernat, sabiex tiġi evitata l-impunità tal-persuna kkonċernata."

***Id-dritt Taljan***

11 Il-legge n. 69 – Disposizioni per conformare il diritto interno alla decisione quadro 2002/584/GAI del Consiglio, del 13 giugno 2002, relativa al mandato d'arresto europeo e alle procedure di consegna tra Stati membri (il-Liġi Nru 69, tat-22 ta' April 2005, li tistabbilixxi dispożizzjonijiet intiżi għat-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, (GURI n° 98, tad-29 ta' April 2005), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"liġi Nru 69 tal-2005"), tipprevedi, fl-Artikolu 18 bis tagħha, intitolat "Raġunijiet ta' rifjut fakultattivi ta' konsenja", li l-Corte d'appello (il-Qorti tal-Appell, l-Italja) tista' tirrifjuta l-konsenja mitluba mill-awtorità barranija, b'mod partikolari "jekk il-mandat ta' arrest Ewropew jkun inħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, meta l-persuna rikjesta tkun ċittadina Taljana jew ċittadina ta' Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea,

li legalment u effettivament tirrisjedix jew toqgħod fit-territorju Taljan, bil-kundizzjoni li [il-Corte d'appello (il-Qorti tal-Appell)] tordna li l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni tiġi eżegwita fl-Italja skont id-dritt nazzjonali."

**It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

12 Fit-13 ta' Frar 2012, il-Judecătoria Brașov (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Brașov, ir-Rumanija) ħarġet mandat ta' arrest Ewropew kontra O. G., ċittadin Moldovan, għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà. Dan ġie kkundannat, permezz ta' sentenza definittiva, fir-Rumanija, għal piena ta' ħames snin priġunerija għar-reati ta' frodi fiskali u ta' u miżapproprjazzjoni ta' ammonti dovuti għall-ħlas ta' taxxa fuq id-dħul u tal-VAT, imwettqa fil-kapaċità tiegħu bħala direttur ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata bejn ix-xhur ta' Settembru 2003 u ta' April 2004.

13 Permezz tal-ewwel sentenza tas-7 ta' Lulju 2020, il-Corte d'appello di Bologna (il-Qorti tal-Appell ta' Bologna, l-Italja) ordnat il-konsenja ta' O. G. lill-awtorità ġudizzjarja emittenti. O. G. appella quddiem il-Corte suprema di cassazione (il-Qorti Suprema tal-Kassazzjoni, l-Italja), li annullat l-imsemmija sentenza u bagħtet lura l-kawża quddiem il-Corte d'appello di Bologna (il-Qorti tal-Appell ta' Bologna), fejn stednitha tevalwa jekk kienx hemm lok li jitqajmu kwistjonijiet ta' kostituzzjonalità fir-rigward tal-Artikolu 18 bis tal-liġi Nru 69 tal-2005.

14 Safejn ikkonstatat li d-difiża ta' O. G. kienet stabbilixxiet, suffiċjentement skont il-liġi, in-natura fit-tul tal-istabbiliment tal-familja u professjonali tiegħu fl-Italja, dik il-qorti adixxiet lill-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali, l-Italja), li hija l-qorti tar-rinviju f'din il-kawża, b'domandi dwar il-kostituzzjonalità ta' din id-dispożizzjoni.

15 Il-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) tindika li l-Corte d'appello di Bologna (il-Qorti tal-Appell ta' Bologna) b'mod partikolari osservat li l-għan tar-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew, prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, huwa li jiġi żgurat li l-vera funzjoni tal-piena tkun l-integrazzjoni mill-ġdid soċjali. Din tippreżupponi ż-żamma tar-rabtiet tal-familja u soċjali tal-kundannat sabiex dan ikun jista' jerġa' jintegra ruħu korrettament fis-soċjetà wara li jiskonta l-piena tiegħu. Issa, l-Artikolu 18 bis tal-liġi Nru 69 tal-2005 irrestrinġa indebitament il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi punt 6 tal-Artikolu 4, sa fejn il-possibbiltà li l-konsenja tiġi rrifjutata, fil-każ ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, hija limitata biss għaċ-ċittadini Taljani u għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni, bl-esklużjoni taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, u dan anki meta dawn tal-aħħar jipprovaw li stabbilixxew rabtiet ekonomiċi, professjonali u emozzjonali solidi fl-Italja. Bl-impożizzjoni tal-konsenja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti b'mod permanenti fl-Italja għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena li ċċaħħad il-libertà f'pajjiż barrani, l-Artikolu 18 bis tal-liġi Nru 69 tal-2005 imur kontra kemm l-għan ta' riabilitazzjoni tal-piena, kif ukoll kontra d-dritt għall-ħajja tal-familja tal-persuna kkonċernata, sanċit fl-Artikolu 7 tal-Karta.

16 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza, barra minn hekk, li l-Corte d'appello di Bologna (il-Qorti tal-Appell ta' Bologna) qieset bħala mhux iġġustifikata d-differenza fit-trattament, prevista fil-leġiżlazzjoni nazzjonali, bejn, minn naħa, ċittadin ta' pajjiż terz, residenti b'mod permanenti fl-Italja u li huwa s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, li ma jistax jiskonta tali piena fl-Italja, u, min-naħa l-oħra, ċittadin ta'

pajjiż terz, li wkoll jirrisjedi b'mod permanenti fl-Italja iżda li huwa s-suġġett ta' mandat ta' arrest maħruġ għall-finijiet ta' prosekuzzjoni, li jista' b'kuntrast jiskonta fl-Italja l-piena deċiża fl-Istat emittenti wara l-proċess.

17 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-Presidente del Consiglio dei ministri (il-President tal-Kunsill tal-Ministri, l-Italja), irrappreżentat u difiż mill-Avvocatura Generale dello Stato (l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, l-Italja), intervjena fil-proċedura fil-kawża prinċipali sabiex jitlob li d-domandi dwar il-kostituzzjonalità relatati mal-Artikolu 18 bis tal-liġi Nru 69 tal-2005 jiġu ddikjarati inammissibbli, jew li tiġi kkonfermata l-legalità ta' din id-dispożizzjoni, billi sostna b'mod partikolari li l-għan ta' riabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkonċernata ma jistax jillimita l-portata tal-prinċipju ġenerali ta' rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet, li jeżiġi li r-rifjut ta' eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew jitqies bħala eċċezzjoni għar-regola ġenerali ta' eżekuzzjoni ta' dan il-mandat u li din id-dispożizzjoni ma tiksirx id-diversi dispożizzjonijiet tad-dritt primarju tal-Unjoni li jipproteġu liċ-ċittadini tal-Unjoni minn diskriminazzjonijiet minħabba n-nazzjonalità. Huwa, barra minn hekk, osserva li l-integrazzjoni mill-ġdid tal-persuna kkundannata ma hijiex l-għan speċifiku tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

18 Fid-deċiżjoni tar-rinviju, il-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) tqis li hemm lok li tiġi eżaminata, qabel ma jiġi vverifikat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali hijiex konformi mal-Kostituzzjoni Taljana, il-konformità ta' din il-leġiżlazzjoni mad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta. Hija tosserva li fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja diġà ġie deċiż li ċerti limitazzjonijiet tar-raġunijiet ta' rifjut introdotti fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri kienu ġġustifikati sa fejn dawn jikkontribwixxu għat-tisħiħ tas-sistema ta' konsenja stabbilita minn din id-deċiżjoni qafas favur spazju ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja.

19 Madankollu, il-punt 6 tal-Artikolu 4, tal-imsemmija deċiżjoni qafas għandu jiġi interpretat konformament mad-drittijiet fundamentali u mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni sanċiti fl-Artikolu 6 TUE, li l-osservanza tagħhom hija kundizzjoni ta' validità għal kull att tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew ma tistax tkun tinvolvi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata.

20 Il-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) tfakkar ukoll li, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri ma jistgħux jissuġġettaw l-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, fl-oqsma fejn hemm armonizzazzjoni sħiħa, bħal fil-każ tal-mandat ta' arrest Ewropew stabbilit permezz tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, għall-osservanza ta' standards nazzjonali ta' protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, meta jkun hemm ir-riskju li dan jippreġudika s-supremazija, l-unità u l-effikaċja tad-dritt tal-Unjoni. Hija tenfasizza, madankollu, li għad fadal dubji fir-rigward tal-possibbiltà li Stat Membru jeskludi b'mod assolut u awtomatiku mill-benefiċċju ta' dispożizzjoni intiża għat-traspożizzjoni tar-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 4 ta' din id-deċiżjoni qafas, lil ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi jew jissoġġorna legalment u effettivament fit-territorju Taljan u li huwa s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, peress li, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, tali ċittadin ma jistax jinvoka l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni minħabba n-nazzjonalità.

21 Fl-aħħar, hija tfakkar li l-interess ta' ċittadin ta' pajjiż terz li jirrisjedi jew li jissoġġorna legalment fi Stat Membru li ma jiġix maqlugħ mill-ambjent tal-familja u soċjali tiegħu huwa protett kemm mid-dritt tal-Unjoni, kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950.

22 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Corte costituzionale (il-Qorti Kostituzzjonali) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) Il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-[Deċiżjoni Qafas 2002/584], interpretat fid-dawl tal-Artikolu 1(3) tal-istess deċiżjoni kwadru u tal-Artikolu 7 tal-Karta [...], jipprekludi leġiżlazzjoni, bħal leġiżlazzjoni Taljana, li – fil-kuntest ta' proċedura ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-eżekuzzjoni ta' piena jew ta' miżura ta' sigurtà [ordni ta' detenzjoni] – tipprojbixxi b'mod assolut u awtomatiku li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jirrifjutaw il-konsenja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jissoġġornaw jew jirrisjedu fit-territorju tagħhom, irrispettivament mir-rabtiet li huma għandhom ma' dan tal-aħħar?

2) F'każ ta' risposta pożittiva għall-ewwel domanda, fuq il-bażi ta' liema kriterji u kundizzjonijiet għandhom dawn ir-rabtiet jitqiesu tant sinjifikattivi li jobbligaw lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tirrifjuta l-konsenja?"

### Dwar it-talba għal proċedura mħaffa

23 Il-qorti tar-rinviju talbet li dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari tiġi suġġetta għal proċedura mħaffa, konformement mal-Artikolu 105 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

24 Filwaqt li tirrikonoxxi li O. G., li huwa s-suġġett tal-mandat ta' arrest inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma huwa suġġett għall-ebda miżura li ċċaħħad il-libertà, dik il-qorti ssostni, l-ewwel, li din il-kawża tqajjem kwistjonijiet ta' interpretazzjoni li jirrigwardaw aspetti ċentrali tal-mekkaniżmu tal-mandat ta' arrest Ewropew u, it-tieni, li l-interpretazzjoni mitluba jista' jkollha konsegwenzi ġenerali, kemm għall-awtoritajiet imsejħa jikkooperaw fil-kuntest tal-mandat ta' arrest Ewropew kif ukoll għad-drittijiet tal-persuni rikjesti.

25 L-Artikolu 105(1) tar-Regoli tal-Proċedura jipprovdi li, meta n-natura tal-kawża teżiġi li tiġi ttrattata f'qasir żmien, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja jista', fuq talba tal-qorti tar-rinviju jew, f'każijiet eċċezzjonali, *ex officio*, u wara li jinstemgħu l-Imħallef Relatur u l-Avukat Ġenerali, jiddeċiedi li r-rinviju għal deċiżjoni preliminari għandu jiġi suġġett għal proċedura mħaffa.

26 F'dan il-każ, fl-20 ta' Diċembru 2021, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda, wara li sema' lill-Imħallef Relatur u lill-Avukat Ġenerali, li jiċħad it-talba tal-qorti tar-rinviju msemmija fil-punt 23 ta' din is-sentenza.

27 Fil-fatt, hija ġurisprudenza stabbilita li l-applikazzjoni tal-proċedura mħaffa ma tiddependix min-natura tat-tilwima, bħala tali, iżda miċ-ċirkustanzi eċċezzjonali rispettivi tal-kawża kkonċernata, li għandhom jistabbilixxu l-urġenza straordinarja li tingħata deċiżjoni dwar dawn id-domandi (sentenza tal-31 ta' Jannar 2023, Puig Gordi *et*, C-158/21, EU:C:2023:57, punt 27).

28 Issa, iċ-ċirkustanza li l-kawża tirrigwarda aspett jew diversi aspetti essenzjali tal-mekkaniżmu ta' konsenja stabbilit fid-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma tikkostitwixxix raġuni li tistabbilixxi urġenza straordinarja, neċessarja sabiex tiġġustifika trattament b'mod imħaffef. L-istess japplika għaċ-ċirkustanza li numru sinjifikattiv ta' persuni huma potenzjalment ikkonċernati mid-domandi magħmula (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-21 ta' Diċembru 2021, Randstad Italia, C-497/20, EU:C:2021:1037, punt 39).

29 Dan espost, fid-dawl tan-natura u tal-importanza tad-domandi magħmula, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li din il-kawża tingħata trattament prijoritarju, konformement mal-Artikolu 53(3) tar-Regoli tal-Proċedura.

## Fuq id-domandi preliminari

### *Fuq l-ewwel domanda*

30 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, li tittrasponi din id-dispożizzjoni, li teskludi b'mod assolut u awtomatiku mill-benefiċċju tar-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew prevista mill-imsemmija dispożizzjoni lil kull ċittadin ta' pajjiżi terzi li joqgħod jew jirrisjedi fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, mingħajr ma l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun tista' tevalwa r-rabtiet ta' dan iċ-ċittadin mal-imsemmi Stat Membru.

31 Preliminarjament, għandu jiġi mfakkar li d-Deċiżjoni Qafas 2002/584 hija intiża, bl-introduzzjoni ta' sistema ssimplifikata u effettiva għall-konsenja ta' persuni kkundannati jew issuspettati li kisru l-liġi kriminali, sabiex tiffaċilita u tħaffef il-kooperazzjoni ġudizzjarja sabiex tikkontribwixxi għall-kisba tal-għan mogħti lill-Unjoni sabiex issir żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja bbażata fuq livell għoli ta' fiduċja li għandu jkun hemm bejn l-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2023, E. D. L. (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq mard), C-699/21, EU:C:2023:295, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

32 Fil-qasam irregolat minn din id-deċiżjoni qafas, il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku, li jikkostitwixxi, hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mill-premessa 6 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, il-"punt ta' referenza" tal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam kriminali, huwa espress fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, li jissanċixxi r-regola li tgħid li l-Istati Membri huma obbligati jeżegwixxu kull mandat ta' arrest Ewropew fuq il-bażi ta' dan il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku u konformement mad-dispożizzjonijiet tal-istess deċiżjoni qafas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-18 ta' April 2023, E. D. L. (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq mard), C-699/21, EU:C:2023:295, punt 33 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Minn dan isegwi, minn naħa, li l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' eżekuzzjoni jistgħu jirrifjutaw li jeżegwixxu mandat ta' arrest Ewropew biss għal raġunijiet li jirriżultaw mid-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja. Min-naħa l-oħra, filwaqt li l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew tikkostitwixxi l-prinċipju, ir-rifjut ta' eżekuzzjoni huwa maħsub bħala eċċezzjoni li għandha tiġi interpretata b'mod strett (sentenza tat-18 ta' April 2023, E. D. L. (Raġuni ta' rifjut ibbażata fuq mard), C-699/21, EU:C:2023:295, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

34 Din id-deċiżjoni qafas tistipula, fl-Artikolu 3 tagħha, raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni obbligatorju tal-mandat ta' arrest Ewropew u, fl-Artikoli 4 u 4a tagħha, raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-imsemmi mandat (sentenza tad-29 ta' April 2021, X (Mandat ta' arrest Ewropew – *Ne bis in idem*), C-665/20 PPU, EU:C:2021:339, punt 40 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Fir-rigward tar-raġunijiet għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew elenkati fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tad-Deċiżjoni Qafas fid-dritt nazzjonali tagħhom, l-Istati

Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni. Għalhekk, dawn huma liberi li jittrasponu jew li ma jittrasponux dawn il-motivi fid-dritt nazzjonali tagħhom. Huma jistgħu wkoll jagħżlu li jillimitaw is-sitwazzjonijiet li fihom l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, u b'hekk jiffaċilitaw il-konsenja tal-persuni rikjesti, konformement mal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku stabbilit fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni qafas (sentenza tad-29 ta' April 2021, X (Mandat ta' arrest Ewropew – *Ne bis in idem*), C-665/20 PPU, EU:C:2021:339, punt 41 u l-ġurisprudenza ċċitata).

36 Dan jgħodd, b'mod partikolari, għall-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, li jistipula li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew jekk dan ikun inħareġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, meta l-persuna rikjesta toqgħod fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, hija ċittadina tiegħu jew tirrisjedi fih, u li dan l-Istat jimpenja ruħu li jeżegwixxi din il-piena jew din l-ordni ta' detenzjoni konformement mad-dritt nazzjonali tiegħu.

37 Fid-dawl tal-marġni ta' diskrezzjoni mfakkar fil-punt 35 ta' din is-sentenza, l-Istati Membri, fil-kuntest tal-implimentazzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 4 ta' din id-deċiżjoni qafas, jillimitaw, fis-sens indikat mir-regola essenzjali stabbilita fl-Artikolu 1(2) tal-imsemmija deċiżjoni qafas, is-sitwazzjonijiet li fihom għandu jkun possibbli li l-konsenja ta' persuna li taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmi punt 6 tal-Artikolu 4 tiġi rrifjutata (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, Wolzenburg, C-123/08, EU:C:2009:616, punt 62 u l-ġurisprudenza ċċitata).

38 Madankollu, il-marġni ta' diskrezzjoni li Stat Membru għandu, meta jagħżel li jittrasponi r-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, ma jistax ikun mingħajr limitu.

39 Fl-ewwel lok, meta Stat Membru jagħżel li jittrasponi din ir-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew, huwa għandu, konformement mal-Artikolu 1(3) ta' din id-deċiżjoni qafas, josserva d-drittijiet u l-prinċipji fundamentali previsti fl-Artikolu 6 TUE.

40 Fost dawn il-prinċipji fundamentali hemm il-prinċipju ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, li huwa ggarantit mill-Artikolu 20 tal-Karta. L-Istati Membri għandhom l-obbligu li josservaw din l-aħħar dispożizzjoni meta huma jimplimentaw id-dritt tal-Unjoni, konformement mal-Artikolu 51(1) tal-Karta, li huwa l-każ meta jittrasponu r-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv ta' mandat ta' arrest Ewropew prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584.

41 Issa, b'kuntrast mal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 TFUE, li ma japplikax fil-każ ta' eventwali differenza ta' trattament bejn iċ-ċittadini tal-Istati Membri u dawk tal-pajjiżi terzi, l-Artikolu 20 tal-Karta ma jipprevedi ebda limitazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u għalhekk japplika għas-sitwazzjonijiet kollha rregolati mid-dritt tal-Unjoni (ara, f'dan is-sens, l-Opinjoni 1/17 (Ftehim CETA Unjoni-Kanada), tat-30 ta' April 2019, EU:C:2019:341, punti 169 u 171 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

42 F'dan ir-rigward, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, stabbilita fl-Artikolu 20 tal-Karta, hija prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni li jeżiġi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali, sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, État belge (Dritt ta' residenza f'każ ta' vjolenza domestika), C-930/19, EU:C:2021:657, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).

43 Ir-rekwiżit dwar in-natura paragunabbli tas-sitwazzjonijiet, sabiex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' ksur tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament, għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-elementi kollha li jikkaratterizzawhom u, b'mod partikolari, fid-dawl tas-suġġett u tal-għan li għandu jintlaħaq mill-att li jistabbilixxi d-distinzjoni inkwistjoni, peress li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, għal dan il-għan, prinċipji u għanijiet tal-qasam li taħtu jaqa' dan l-att. Sakemm is-sitwazzjonijiet ma jkunux paragunabbli, differenza fit-trattament tas-sitwazzjonijiet ikkonċernati ma tiksirx l-ugwaljanza f'għajnejn il-liġi sanċita fl-Artikolu 20 tal-Karta (sentenza tat-2 ta' Settembru 2021, État belge (Dritt ta' residenza f'każ ta' vjolenza domestika), C-930/19, EU:C:2021:657, punt 58 u l-ġurisprudenza ċċitata).

44 Għal dan il-għan, għandu jiġi evalwat jekk, fid-dawl tas-suġġett u tal-għan li għandu jintlaħaq minn leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, is-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiż terz, li huwa s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni u li joqgħod jew jirrisjedi fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, hija paragunabbli għas-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' dan l-Istat Membru jew għas-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' Stat Membru ieħor li joqgħod jew jirrisjedi fl-imsemmi Stat Membru, li huwa s-suġġett ta' tali mandat.

45 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li d-differenza fit-trattament li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali bejn iċ-ċittadini Taljani u ċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra, minn naħa, u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, min-naħa l-oħra, ġiet stabbilita bil-għan tat-traspożizzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, sa fejn il-leġiżlatur Taljan qies li din id-dispożizzjoni tirrigwarda biss iċ-ċittadini tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni u ċ-ċittadini tal-Unjoni.

46 Issa, f'dan ir-rigward, mill-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jirriżulta li din ma tagħmel ebda distinzjoni skont jekk persuna li hija s-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew, meta hija ma hijiex ċittadina tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, hijiex jew ma hijiex ċittadina ta' Stat Membru ieħor. L-applikazzjoni ta' raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew prevista fl-imsemmija dispożizzjoni hija min-naħa l-oħra suġġetta għas-sodisfazzjoni ta' żewġ rekwiżiti, jiġifieri, minn naħa, li l-persuna rikjesta toqgħod fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, hija ċittadina tiegħu jew tirrisjedi fih, u, min-naħa l-oħra, li dan l-Istat jimpenja ruħu li jeżegwixxi, konformement mad-dritt nazzjonali tiegħu, il-piena jew l-ordni ta' detenzjoni li għaliha nħareġ il-mandat ta' arrest Ewropew.

47 Fir-rigward tal-ewwel wieħed minn dawn ir-rekwiżiti, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà qatgħet u ddeċidiet li persuna rikjesta "tirrisjedi" fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni meta hija stabbilixxiet ir-residenza reali tagħha f'dan tal-aħħar u "toqgħod" hemmhekk meta, wara soġġorn stabbli ta' ċertu tul f'dan l-Istat Membru, hija kisbet rabtiet ma' dan l-Istat ta' livell analogu għal dawk li jirriżultaw minn residenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-5 ta' Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge, C-42/11, EU:C:2012:517, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata, kif ukoll tat-13 ta' Diċembru 2018, Sut, C-514/17, EU:C:2018:1016, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata). Minn dan isegwi li, fid-dawl ta' dan l-ewwel rekwiżit, ċittadin ta' pajjiż terz, li huwa s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew u li joqgħod jew jirrisjedi fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, jinstab f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik ta' ċittadin ta' dan l-Istat Membru jew għal dik ta' ċittadin ta' Stat Membru ieħor li joqgħod jew jirrisjedi fl-imsemmi Stat Membru, li huwa s-suġġett ta' tali mandat.

48 F'dak li jirrigwarda t-tieni waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, mill-formulazzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jirriżulta li kull rifjut ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew jippreżupponi impenn reali min-naħa tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni li

jeżegwixxi l-piena li ċċaħħad il-libertà deċiża kontra l-persuna rikjesta (sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Sut, C-514/17, EU:C:2018:1016, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan it-tieni rekwiżit għalhekk ma jinkludi l-ebda element li jista' jservi bħala ġustifikazzjoni għad-distinzjoni bejn is-sitwazzjoni ta' ċittadin ta' pajjiżi terzi u s-sitwazzjoni ta' ċittadin tal-Unjoni meta dawn ikunu, kull wieħed rispettivament, is-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni meta dawn joqogħdu jew jirrisjedu fit-territorju ta' Stat Membru.

49 Meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tikkonstata li ż-żewġ rekwiżiti mfakkra fil-punt 46 ta' din is-sentenza huma sodisfatti, hija għandha wkoll tevalwa jekk jeżistix interess leġittimu li jiġġustifika li l-piena imposta fl-Istat Membru emittenti tiġi skontata fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Din l-evalwazzjoni tippermetti li din l-awtorità tieħu inkunsiderazzjoni l-għan imfittex mill-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 li huwa, skont ġurisprudenza tabilħaqq stabbilita, li jiżdiedu l-possibilitajiet, wara li l-persuna rikjesta tkun skontat il-piena li għaliha ġiet ikkundannata, ta' riabilitazzjoni soċjali (sentenza tat-13 ta' Diċembru 2018, Sut, C-514/17, EU:C:2018:1016, punti 33 u 36 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata). Issa, ċ-ċittadini tal-Unjoni u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jissodisfaw l-ewwel rekwiżit esposta fil-punt 47 ta' din is-sentenza jista' jkollhom, suġġett għall-verifiki li għandhom jitwettqu mill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, possibbiltajiet paragunabbli ta' riabilitazzjoni soċjali jekk, meta jkunu s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ordni ta' detenzjoni, huma jiskontaw il-piena jew ordni ta' detenzjoni li għaliha ġew ikkundannati fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

50 F'dawn iċ-ċirkustanzi, minn kliem il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 u mill-għan imfittex minn din id-dispożizzjoni jirriżulta li ma jistax jiġi preżunt li ċittadin ta' pajjiż terz, li huwa s-suġġett ta' tali mandat ta' arrest Ewropew u li joqgħod jew jirrisjedi fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, neċessarjament jinstab f'sitwazzjoni differenti minn dik ta' ċittadin ta' dan l-Istat Membru jew minn dik ta' ċittadin ta' Stat Membru ieħor li joqgħod jew jirrisjedi fl-imsemmi Stat Membru, li huwa s-suġġett ta' tali mandat. Bil-kontra ta' dan, għandu jitqies li dawn il-persuni jistgħu jkunu jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli, għall-finijiet tal-applikazzjoni tar-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv prevista f'din id-dispożizzjoni, meta huma jkollhom livell ta' integrazzjoni ċert fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

51 Minn dan isegwi li leġiżlazzjoni nazzjonali intiża għat-traspożizzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 4 ta' din id-deċiżjoni qafas ma għandiex titqies bħala li hija konformi mal-prinċipju ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi sanċit fl-Artikolu 20 tal-Karta jekk din tittratta b'mod differenti, minn naħa, iċ-ċittadini rispettivi tagħha u ċ-ċittadini l-oħra tal-Unjoni u, min-naħa l-oħra, liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi, billi tirrifjuta lil dawn tal-aħħar, b'mod assolut u awtomatiku, il-benefiċċju ta' raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew prevista f'din id-dispożizzjoni, minkejja li dawn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi joqogħdu jew jirrisjedu fit-territorju ta' dan l-Istat Membru u mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tal-livell ta' integrazzjoni tal-imsemmija ċittadini ta' pajjiżi terzi fi ħdan is-soċjetà tal-imsemmi Stat Membru. Fil-fatt, ma jistax jitqies li tali differenza fit-trattament tista' tkun oġġettivament iġġustifikata, fis-sens tal-ġurisprudenza mfakkra fil-punt 42 ta' din is-sentenza.

52 Min-naħa l-oħra, xejn ma jipprekludi li, fil-kuntest tat-traspożizzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 fid-dritt nazzjonali ta' Stat Membru, dan l-Istat jissuġġetta, għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma s-suġġett ta' mandat ta' arrest Ewropew, il-benefiċċju tar-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew prevista f'din id-dispożizzjoni għar-rekwiżit li dawn iċ-ċittadini jkunu joqogħdu u jirrisjedu f'dan l-Istat għal

perijodu mhux interrott minimu (ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Ottubru 2009, Wolzenburg, C-123/08, EU:C:2009:616, punt 74), sakemm tali kundizzjoni ma tmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jiġi ggarantit li l-persuna rikjesta jkollha livell ta' integrazzjoni ċert fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

53 Fit-tieni lok, l-effett tat-traspożizzjoni tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 ma jistax ikun dak li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tiġi mċaħħda mill-marġni ta' diskrezzjoni neċessarju sabiex hija tkun tista' tiddeċiedi jekk hemmx jew ma hemmx lok, fid-dawl tal-għan imfittex ta' riabilitazzjoni soċjali, imsemmi fil-punt 49 ta' din is-sentenza, li tirrifjuta li teżegwixxi l-mandat ta' arrest Ewropew.

54 F'dan ir-rigward, hekk kif dan ġie mfakkar fil-punti 46 sa 49 ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, sabiex jiġi stabbilit jekk, f'sitwazzjoni konkreta, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tistax tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew, din tal-aħħar għandha, għall-ewwel, tiddetermina biss jekk il-persuna rikjesta, meta ma tkunx ċittadina tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, toqgħodx jew hijiex residenti f'dan l-Istat fis-sens tal-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 kif traspost fid-dritt nazzjonali, u għalhekk jekk hijiex koperta bil-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Wara dan, u biss meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tikkonstata li din il-persuna hija koperta minn dan il-kamp ta' applikazzjoni, hija għandha tkun tista' tevalwa jekk jeżistix interess leġittimu li jiġġustifika li l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni imposta fl-Istat Membru emittenti tiġi skontata fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Kozłowski, C-66/08, EU:C:2008:437, punt 44).

55 F'dan il-każ, mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-Artikolu 18 bis tal-liġi Nru 69 tal-2005, li huwa intiż li jittrasponi l-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 fid-dritt Taljan, tillimita l-applikazzjoni tar-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew, prevista f'din l-aħħar dispożizzjoni, biss għaċ-ċittadini Taljani u għaċ-ċittadini ta' Stati Membri oħra. Għalhekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi huma esklużi b'mod assolut u awtomatiku mill-benefiċċju ta' din ir-raġuni, mingħajr ma jitħalla, f'dan ir-rigward, ebda marġni ta' diskrezzjoni lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni, minkejja li l-imsemmi punt 6 tal-Artikolu 4 ma jillimitax il-kamp ta' applikazzjoni tal-imsemmija raġuni biss għaċ-ċittadini tal-Unjoni.

56 Għalhekk, meta l-persuna li hija s-suġġett tal-mandat ta' arrest Ewropew għall-finijiet ta' eżekuzzjoni ta' piena ta' kustodja jew ta' ordni ta' detenzjoni hija ċittadina ta' pajjiż terz, tali leġiżlazzjoni nazzjonali ċċaħħad lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni mis-setgħa li tevalwa, b'teħid inkunsiderazzjoni taċ-ċirkustanzi speċifiċi ta' kull każ, jekk ir-rabtiet ta' din il-persuna mal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni humiex suffiċjenti sabiex l-għan ta' riabilitazzjoni soċjali previst f'din id-dispożizzjoni jistax jintlaħaq aħjar jekk l-imsemmija persuna tiskonta l-piena tagħha f'dan l-Istat Membru, u b'dan il-mod tikkomprometti l-imsemmi għan.

57 Minn dan isegwi li l-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 jipprekludi, anki għal din ir-raġuni, tali leġiżlazzjoni nazzjonali intiża għat-traspożizzjoni ta' din id-dispożizzjoni.

58 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda għandha tkun li l-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, moqri flimkien mal-prinċipju ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi, sanċit fl-Artikolu 20 tal-Karta, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, li tittrasponi dan il-punt 6 tal-Artikolu 4, li teskludi b'mod assolut u awtomatiku mill-benefiċċju tar-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew prevista f'din id-dispożizzjoni lil

kull ċittadin ta' pajjiżi terzi li joqgħod jew jirrisjedi fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, mingħajr ma l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun tista' tevalwa r-rabtiet ta' dan iċ-ċittadin mal-imsemmi Stat Membru.

### *Fuq it-tieni domanda*

59 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandux jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tevalwa jekk hemmx lok li tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra ċittadin ta' pajjiż terz li joqgħod jew jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha twettaq evalwazzjoni tal-elementi li jistgħu jindikaw jekk jeżistux, bejn l-imsemmi ċittadin u l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, rabtiet li juru li huwa suffiċjentement integrat f'dan l-Istat u, fil-każ ta' risposta fl-affermattiv, liema huma dawn l-elementi.

60 Konformement ma' dak li ġie mfakkar fil-punt 49 ta' din is-sentenza, meta l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tikkonstata li ż-żewġ rekwiżiti previsti fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 huma sodisfatti, hija għandha wkoll tevalwa jekk jeżistix interess leġittimu li jiġġustifika li l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni imposta fl-Istat Membru emittenti tiġi skontata fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

61 Għalhekk, hija l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li għandha twettaq evalwazzjoni globali tal-elementi konkreti kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni tal-persuna rikjesta, li jistgħu jindikaw jekk bejn din il-persuna u l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jeżistix rabtiet li jippermettu li jiġi kkonstatat li l-imsemmija persuna hija suffiċjentement integrata f'dan l-Istat u li, għaldaqstant, l-eżekuzzjoni, fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, tal-piena jew tal-ordni ta' detenzjoni imposta kontriha fl-Istat Membru emittenti għandha tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan ta' riabilitazzjoni soċjali mfittex minn dan il-punt 6 tal-Artikolu 4 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge, C-42/11, EU:C:2012:517, punt 43).

62 F'dan il-kuntest, hekk kif diġà ġie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja, għandha b'mod partikolari tittieħed inkunsiderazzjoni d-Deċiżjoni Qafas 2008/909 (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-11 ta' Marzu 2020, SF (Mandat ta' arrest Ewropew – Garanzija ta' ritorn fl-Istat ta' eżekuzzjoni), C-314/18, EU:C:2020:191). B'mod partikolari, il-premessa 9 ta' din id-deċiżjoni qafas tipprovdi lista ta' eżempji ta' elementi li jistgħu jippermettu li awtorità ġudizzjarja tikseb iċ-ċertezza li l-eżekuzzjoni tal-kundanna mill-Istat Membru ta' eżekuzzjoni għandha tikkontribwixxi sabiex jintlaħaq l-għan li jikkonsisti f'li tiġi ffaċilitata r-riabilitazzjoni soċjali tal-persuna kkundannata. Fost dawn l-elementi hemm, essenzjalment, ir-rabta tal-persuna mal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, kif ukoll iċ-ċirkustanza li dan l-Istat Membru jikkostitwixxi ċ-ċentru tal-ħajja tal-familja u tal-interessi tagħha, meqjusa, b'mod partikolari, ir-rabtiet tal-familja, lingwistiċi, kulturali, soċjali jew saħansitra ekonomiċi tagħha mal-imsemmi Stat.

63 Sa fejn l-għan imfittex mill-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 huwa identiku għal dak imsemmi f'din il-premessa u għal dak li huwa mfittex mill-Artikolu 25 tad-Deċiżjoni Qafas 2008/909, li jagħmel riferiment għar-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv prevista f'dan il-punt 6 tal-Artikolu 4, l-imsemmija elementi huma rilevanti wkoll fil-kuntest tal-evalwazzjoni globali li l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha twettaq meta hija tapplika din ir-raġuni.

64 B'mod partikolari, meta l-persuna rikjesta stabbilixxiet iċ-ċentru tal-ħajja tal-familja u tal-interessi tagħha fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-integrazzjoni mill-ġdid soċjali ta' din il-persuna wara li hija tkun skontat il-piena tagħha hija ffaċilitata mill-fatt li hija jista' jkollha kuntatti regolari u frekwenti mal-familja u mal-qraba tagħha.

65 Meta l-persuna rikjesta hija ċittadin ta' pajjiż terz, għandhom jittieħdu wkoll inkunsiderazzjoni n-natura, it-tul u l-kundizzjonijiet ta' soġġorn ta' din il-persuna fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni.

66 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn l-elementi jistgħu diġà jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-istadju tal-eżami tal-ewwel rekwiżit imposti fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, imsemmi b'mod partikolari fil-punt 47 ta' din is-sentenza. Effettivament, hija l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li għandha, sabiex tiddetermina jekk, f'sitwazzjoni konkreta, bejn persuna rikjesta u l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jeżistux rabtiet li jippermettu li jiġi kkonstatat li din tal-aħħar toqgħod jew tirrisjedi f'dan l-Istat, fis-sens ta' dan il-punt 6 tal-Artikolu 4, twettaq evalwazzjoni globali ta' diversi elementi oġġettivi li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni ta' din il-persuna, li fosthom hemm, b'mod partikolari, it-tul, in-natura u l-kundizzjonijiet ta' soġġorn tal-persuna rikjesta fl-imsemmi Stat kif ukoll ir-rabtiet tal-familja u ekonomiċi li hija għandha ma' dan l-istess Stat (sentenza tal-5 ta' Settembru 2012, Lopes Da Silva Jorge, C-42/11, EU:C:2012:517, punt 43 u l-ġurisprudenza ċċitata).

67 Dawn l-elementi jifformaw ukoll parti minn dawk li jistgħu juru l-eżistenza ta' interess leġittimu li jiġġustifika li l-piena jew l-ordni ta' detenzjoni imposta fl-Istat Membru emittenti tiġi eżegwita fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni. Minn dan isegwi li, f'dan l-istadju ulterjuri tal-eżami tal-eċċezzjoni għall-konsenja prevista fil-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tista' mill-ġdid tieħu inkunsiderazzjoni l-imsemmija elementi, b'mod partikolari meta s-soġġorn tal-persuna kkonċernata fl-Istat Membru ta' eżekuzzjoni jirriżulta mill-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti fit-tul, previst fid-Direttiva 2003/109. Fil-fatt, tali status jikkostitwixxi, konformement għal dak li tistipula l-premessa 12 ta' din id-direttiva, strument ġenwin għall-integrazzjoni fis-soċjetà li fiha r-residenti fit-tul ikun stabbilixxa ruħu u għalhekk jikkostitwixxi indizju qawwi li r-rabtiet stabbiliti mill-persuna rikjesta mal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni huma suffiċjenti sabiex jiġġustifikaw ir-rifjut ta' eżekuzzjoni tal-mandat ta' arrest Ewropew.

68 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha esposti iktar 'il fuq, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda għandha tkun li l-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584 għandu jiġi interpretat fis-sens li, sabiex tevalwa jekk hemmx lok li tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra ċittadin ta' pajjiż terz li joqgħod jew jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha twettaq evalwazzjoni globali tal-elementi konkreti kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni ta' dan iċ-ċittadin, li jistgħu jindikaw jekk jeżistux, bejn l-imsemmi ċittadin u l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, rabtiet li juru li huwa suffiċjentement integrat f'dan l-Istat u li, għaldaqstant, l-eżekuzzjoni, fl-imsemmi Stat Membru, tal-piena jew tal-ordni ta' detenzjoni imposta kontrih fl-Istat Membru emittenti għandha tikkontribwixxi sabiex jiżdiedu l-possibilitajiet ta' riabilitazzjoni soċjali tiegħu wara li din il-piena jew din l-ordni ta' detenzjoni tkun ġiet eżegwita. Fost dawn l-elementi hemm ir-rabtiet tal-familja, lingwistiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz għandu mal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni kif ukoll in-natura, it-tul u l-kundizzjonijiet tas-soġġorn tiegħu f'dan l-Istat Membru.

**Fuq l-ispejjeż**

69 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi dwar l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' ħlas lura.

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584/ĠAI tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, moqri flimkien mal-prinċipju ta' ugwaljanza f'għajnejn il-liġi sanċit fl-Artikolu 20 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea,**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, li tittrasponi dan il-punt 6 tal-Artikolu 4, li teskludi b'mod assolut u awtomatiku mill-benefiċċju tar-raġuni għal nuqqas ta' eżekuzzjoni fakultattiv tal-mandat ta' arrest Ewropew prevista f'din id-dispożizzjoni lil kull ċittadin ta' pajjiżi terzi li joqgħod jew jirrisjedi fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, mingħajr ma l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni tkun tista' tevalwa r-rabtiet ta' dan iċ-ċittadin mal-imsemmi Stat Membru.**

2) **Il-punt 6 tal-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584**

**għandu jiġi interpretat fis-sens li:**

**sabiex tevalwa jekk hemmx lok li tirrifjuta li teżegwixxi mandat ta' arrest Ewropew maħruġ kontra ċittadin ta' pajjiż terz li joqgħod jew jirrisjedi fit-territorju tal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, l-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni għandha twettaq evalwazzjoni globali tal-elementi konkreti kollha li jikkaratterizzaw is-sitwazzjoni ta' dan iċ-ċittadin, li jistgħu jindikaw jekk jeżistux, bejn l-imsemmi ċittadin u l-Istat Membru ta' eżekuzzjoni, rabtiet li juru li huwa suffiċjentement integrat f'dan l-Istat u li, għaldaqstant, l-eżekuzzjoni, fl-imsemmi Stat Membru, tal-piena jew tal-ordni ta' detenzjoni imposta kontrih fl-Istat Membru emittenti għandha tikkontribwixxi sabiex jiżdiedu l-possibilitajiet ta' riabilitazzjoni soċjali tiegħu wara li din il-piena jew din l-ordni ta' detenzjoni tkun ġiet eżegwita. Fost dawn l-elementi, hemm ir-rabtiet tal-familja, lingwistiċi, kulturali, soċjali jew ekonomiċi li ċ-ċittadin tal-pajjiż terz għandu mal-Istat Membru ta' eżekuzzjoni kif ukoll in-natura, it-tul u l-kundizzjonijiet tas-soġġorn tiegħu f'dan l-Istat Membru.**

Firem

[i] Fl-okkju u fil-punti 1, 3, 4, 5, 11, 12, 15, 20, 30, 34, 35, 38, 39, 40, 46, 50, 51, 52, 55, 58, 63 u fid-dispożittiv ta' dan id-dokument, saru modifiki ta' natura lingwistika, wara li kien tqiegħed online għal-ewwel darba.